# Il-Kappelli ta' San Pietru u San Pawl taz-Zuntier



## 1. Iz-Zuntier.

Daz-zuntier tal-matriċi ta' Santa Marija tal-Belt t'Għawdex kien qiegħed flok fejn illum hemm l-oratorju Dun Bosko, ir-Rabat. Jgħidu li fih kienu ndifnu l-kruċjati li fl-1270 kienu ħabtu għal Tunes ma' Lwigi d-Disa' ta' Franza, ħu Karlu t'Anġu', li kellu 'l Malta taħt idejh dak iż-żmien.

Tunes kienet ħakmithom marda f'imsarinhom li kinset qatigħ minnhom fosthom ir-re. B'wiċċ il-mewt fuqhom, min kien baqa' ra kif għamel u ħarab, imma fuq il-baħar tempesta qalila ħarbtitilhom l-imriekeb u xerrdithom. Milli jidher xi wieħed minnhom daħal Għawdex, fejn, min kien meħu, miet u ndifen f'dan iz-zuntier, kif jixhdu l-ħafna armi li kien hemm.

Ħalli għalihom l-Għawdxin kollha bl-imħatra min jindifen f'dak il-post qaddis, tant li sa qabel l-1551 kienu nbnew mhux inqas minn ħmistax-il kappella madwaru kollu. Fir-rapport tal-viżta ta' l-1592 sibt lista ta' erbatax minnhom, li jien se nagħtiha kif sibtha. Żidt waħda minn fuq Dun Franġisk Agius (l712-l770).

Dawn huma: ta' San Pietru; ta' Sant'Indrija; ta' San Ġwann l-Evanġelista; ta' San Bartilmew, li kienet tmiss ma' Santu Wistin; ta' Sant'Anton l-Abbati, li kienet tmiss ma' ta' qbilha; tal-Kunċizzjoni, li kienet tmiss ma' Santu Wistin; ta' San Blas; ta' San Mikiel; ta' Santa Margerita, ħdejn ta' qabilha; ta' San Pawl; ta' San Ktald, li kienet tmiss ma' ta' San Pawl; ta' San Xmun u San Ġuda; ta' San Nikola, li kienet tmiss ma' ta' qabilha; tal-Madonna tas-Silġ; u ta' Santa Katerina. Dun Frangisk Agius isemmi lil tal-Madonna tal-Pjetà, id-Duluri, li kienet inbniet flok tas-Silġ.

Dawn il-kappelli kienu bnewhom nies li jistgħu, għax ma kellhomx biss biex jibnuhom, imma kellhom ir-raba' xi jħallulhom bħala armaġġ, jiġifieri benefizzju ta' ġuspatrunat lajkali, fejn lir-rettur kien jagħżlu l-fundatur jew il-werrieta tiegħu. Dar-rettur mhux biss kien irid iqaddes fil-kappella għal ruħhom u għal ruħ nieshom, imma kien irid iżommha kif jixraq.

## 2. Il-Kappella ta' San Pietru.

Il-kappella ta' San Pietru tissemma bħala waħda mill-ħames knejjes li wieħed kellu jżur wara li jqerr biex jirbaħ l-indulġenza tal-ġublew għas-sena mqaddsa ta' l-1450, Għawdex. L-oħrajn kienu t-tliet knejjes parrokkjali li kien hawn dak iż-żmien ir-Rabat t'Għawdex, jiġifieri ta' Savina, li tissejjaħ ta' Santa Marija ta' taħt, ta' San Ġakbu, li kienet il-parroċċa tal-kwartier tan-Nixxiegħa, u ta' San Ġorġ. Ma' dawn kien hemm Santu Wistin.

Il-matriċi kolleġġjata ta' Santa Marija tal-Belt t'Għawdex ma ssemmietx ma' dawn bħalma kienet issemmiet il-knisja l-majjura ta' l-Imdina għal Malta. Ta' min jgħid hawnhekk li ftit ta' snin qabel, il-matriċi kienet saret kolleġġjata, aktarx fl-1445, wara li f'Diċembru tas-sena ta' qabel, il-papa kien ħatar lill-abbati ta' San Pawl ta' Ruma, viżitatur appostolku biex iżur il-knejjes tas-saltna ta' Sqallija. Dan il-plenipotenzjarju kellu s-setgħa, fost ħafna oħrajn, li fejn jara li kien hemm bżonn, iwaqqaf il-kolleġġjati.

Billi s-saltna ta' Sqallija ma ddurhiex f'jumejn, jien ħallejt it-twaqqif tagħha għallinqas għas-sena ta' wara. Jien kont irrid inkun fis-sod, billi naf bin tajjeb li ż-żewg kolleġġjati li twaqqfu warajha fi-istess knisja, waħda fl-1667 u l-oħra fl-1864, it-tnejn kellhom il-bolla tal-papa. Hekk ukoll kienu twaqqfu, bil-bolla tal-papa, it-tliet kolleġġjati ta' l-Għarb, tan-Nadur u tax-Xagħra.

Il-professur Fiorini mexa fuq kriterju ieħor, jiġifieri meta l-qassisin Għawdex bdew jissejħu Dun, isem li nafu li, fl-1436, kien jingħata biss lis-sittax-il kanonku tal-katidral ta' l-Imdina. Qassisin oħra kienu jafuhom biss bħala qassisin, imqassra Qass, ngħidu aħna Qass Ċikku, isem ta' waħda mit-toroq tal-Belt t'Għawdex.

B'dan il-kriterju l-professur wasal għall-konklużjoni li l-kolleġġjata kienet twaqqfet xi snin qabel l-1445, billi sab xi żewg qassisin jgħidulhom Dun. Biss kien wara l-1445 li kienu dehru ruxxmata qassisin bid-Dun. Dan għax aktarx li l-kolleġġjata kellha sa erbatax-il kanonku, billi dan kien l-għadd ta' stalel li kien hemm fil-kor. Għalhekk fis-sena tal-ġublew seta' kien qed isir xi tibdil fiha, anke jekk il-kor kien quddiem il-presbiterju u mhux kif nafuh illum, billi n-nies ried ikollha fejn toqgħod.

Il-kappella ta' San Pietru, fl-1575, matul il-viżta ta' Duzzina, li fir-rapport ma semmiex ħlief sitta mil-ħmistax li kien hemm fiz-zuntier, xhieda li l-oħrajn kienu mitluqa għal riħhom, instabet bla bieb, bla artal, bla rettur u bla ebda dħul minn xi qbejjel li seta' qatt kellha. Kellha l-art tbikkik, mhux biss għax kienet maqlugħa, imma għax in-nies kienet għamlitha mintna, għalhekk il-viżitatur qalilhom biex qabel ma jagħmlulha bieb, iqaxxruha minn dak il-ħmieġ biex ma tibqax latrina, u jsewwulha l-art, ma kellhom jagħmlu xejn fiha.

Imma jagħmlilha bieb min? Aktarx li wara l-istraġi li kienu għamlu t-Torok minn pajjiżna fl-1551, mhux biss miet minn kien bnieha u ndifen fiha, imma r-rettur tagħha magħhom kienu sabu ruħhom ilsiera Stanbul, fl-art tat-Tork, in-nisa u wliedhom bniet iseftru u l-irġiel marbuta mal-bankijiet tax-xwieni jaqdfu għal sidirhom sa ma jinfnew u jarmuhom il-baħar bħall-klieb, kif it-Torok kienu jsejħu lill-Insara.

Sa l-1621, sitta biss mill-ħmistax li darba kien hemm f'daz-zuntier kienu għadhom iferfru. L-oħrajn kien ilhom li spiċċaw. Magħhom kien hemm il-kappella ta' San Pietru.

## 3. Il-Kappella ta' San Pawl

### A. Nuzzu di Lo Piscopo.

Bħalma jixhed kunjomu, Nuzzu kien Sqalli li seta' kien ġie Għawdex billi kellu sengħa mfittxa ħafna hawn, għax kienu jsibuh mgħallem. Nuzzu aktarx hi taqsira ta' Antunnuzzu jew Nikuluzzu. Milli jidher kien qabad l-art, għax mhux biss kien kisseb?? dar il-Belt t'Għawdex, imma kellu

raba' Ta' Dbieġi, b'żewġt isinda miegħu u żewġt iħbula oħra ż-Żebbuġ. Sined hu settieħa ħbula neżlin wieħed taħt l-ieħor minn taħt is-sies ta' muntanja milli għandna Għawdex sal-wied jew triq, fil-każ ta' Nuzzu, it-Triq ta' San Niklaw. Fuq kollox kien jista' jibni kappella z-zuntier tal-matriċi tagħti għall-misraħ ta' quddiem Santu Wistin biex jindifen fiha hu u niesu.

Hawnhekk tajjeb insemmi li Malta, matul il-ħmistax-il seklu kunjomu, jew għallinqas Piscopo, kien għadu ma deherx. Imbagħad sa l-1687 kien hemm fuq sittin ruħ kunjomhom Piscopo, xi nofshom Ħaż-Żebbuġ, kwart il-Belt, u l-bqija l-Kottoniera u tliet postijiet oħra. Wieħed minn dawn biss niżlulu ismu di lo Piscopo.

Għawdex, fl-l667, meta kien sar ċensiment ta' l-Għawdxin kollha, ir- Rabat kien hawn tnejn Dello Episcopo, l-Għarb kien hemm wieħed miktub Piscopo u ż-Żebbug jew l-Għasri, kien hemm ieħor miktub Dell'Episcopo. Emmnuni ma nafx dawn il-ftit kenux ġew hawn minn Malta jew kenux nisel Nuzzu jew ta' niesu, għax kif se naraw, la hu u lanqas bintu Damma, taqsira ta' Damjata, ma kellhom wisq lil min jaqbdu jħallu ħwejjiġhom.

Dan għax Nuzzu, meta miet fl-1435, kien ħalla werrieta lil martu Żuna, taqsira ta' Franżuna, warajha lil bintu Damma, li għalkemm kienet iżżewġet darbtejn baqgħet bla tfal, u mbagħad lin-nepputijiet tiegħu li kunjomhom kien xorta oħra. Għalhekk insibuh jaħseb għall-matriċi ta' Santa Marija, li ħallielha tnax-il ratal xema' maħdum għall-artal il-maġġur, u għaż-żewg kappelli li kienu għal qalbu, ta' San Pawl taz-Zuntier u ta' San Niklaw ta' l-Għamburi, fl-inħawi ta' Ta' Dbieġi, knisja li kienet fl-għalqa tad-dwieli li kellu hemm, fit-triq li ħadet isimha mill-knisja, li mill-Qasam ta' San Ġorġ tieħu għat-triq ta' l-Għarb.

Bintu Damma, barra fil-matriċi, li ħallitilha l-ħabel tal-Boroz, Għajn Għabdun, flimkien ma' ħabel ieħor tal-Qabbieża, fl-inħawi ta' Ta' Dbieġi, ħasbet għaż-żewġ kappelli tal-familja, kif ukoll għall-knisja tal-Madonna ta' Dbieġi u għal Savina.

Lill-kappella ta' San Pawl ħallitilha l-għalqa tad-dwieli u siġar oħra, biex bil-qbiela tagħha żewġha jagħmel il-quddies fiha, jixgħelilha l-lampier u jsewwiha. L-għalqa ta' Xriħa, ta' l-Għamburi u magħha l-ħabel taż-Żebbuġ, kellhom jinbiegħu biex ikabbru l-kappella.

Lill-Madonna ta' Dbieġi u lil San Nikola ħallitilhom żewġt isnied fi-istess inħawi. Imbagħad lil Savina u mill-ġdid lil San Nikola ħallitilhom nofs l-għalqa dwieli fil-inħawi ta' Ta' Dbieġi, billi n-nofs l-ieħor kien ħallihulhom diġà l-ewwel raġel li kellha, Bertozz di Michele.

Tant ma kellhiex il min tħalli l-ġid li kellha, illi lil Merżuq, l-ilsir li kien ħeles żewġha Anton Raspullo, ħallietlu r-razzett bl-imnadar, bir-raba' u bil-birien jew iltami, li kien hemm ħdejn San Niklaw. Merżuq kien miżżewweġ lil Gerita. Għalhekk jekk kienu jibqgħu bla werrieta, ir-razzett kellu wkoll imur għal Savina u San Nikola. Dan għaliha jfisser li dar-razzett u raba' ieħor kellu rabta ma' l-ewwel raġel tagħha.

Fl-1543, tmien snin qabel il-qerda ta' l-1551, meta ltaqgħu l-patruni ta' l-armaġġ ta' San Pawl, biex il-benefizzju jgħadduh lil Dun Lawrenz Apap, wieħed biss minnhom, Litterju, bin Kustanz di lo Piscopo, kellu dan li-kunjom.

Imbagħad, wara l-ħerba li kienu ħallew it-Torok fl-1551, meta reġgħu ltaqgħu l-patruni tal-ġuspatrunat ta' San Pawl, fl-1586, flok Litterju, kienet dehret il-werrieta tiegħu, Ġulja Pontremoli. Dan ifisser li ħadd minn nislu ma kien żamm dan il-kunjom. Ifissrilna wkoll għalfejn l-armaġġ kien beda għaddej lill-qassisin tal-familja Pontremoli, ibda mill-kjerku Anton Pontremoli bin Salvu, li ħadu fl-1595.

## B. Il-Kappella.

Il-kappella ta' San Pawl taz-Zuntier hi waħda mill-ftit mill-ħmistax li kien hemm magħha li nafu min kien bniehom għalih u għal niesu. Billi meta kien għamel it-testment tiegħu, fl-1435, Nuzzu, il-kappella kienet għadha bla rettur, dan jista' jfisser li ma kienx ilu li bnieha.

Għall-benefizzjat l-imgħallem Nuzzu ħaseb f'niesu. Għalhekk l-ewwel rettur kellu jkun nepputih, Dun Tumew de Teobaldo, sa ma jilħaq qassis in-nepputi l-ieħor Anton de Marino, li ma seta' jmiss xejn mir-raba' li kien ħallielha, jekk mhux biex ikabbruha l-werrieta. Tumew hu taqsira ta' Bartilmew, bil-Katalan, li billi kien jinkiteb Thumew, kien hawn min ħawdu ma' Tumas. Dan ma jfissirx li Dun Tumew kellu jitwarrab, għax wara mewt martu u ta' bintu Damma, il-wirt kellu jgħaddi għalih u għal ħuh, Dun Anġ de Teobaldo.

La Nuzzu kien ħaseb biex 'il quddiem il-kappella setgħet titkabbar, ma setgħetx kienet ta' daqs kbir. Dan joħroġ ukoll mir-rapport ta' Duzzina fl-1575, għax il-viżitatur, wara li qal li l-kappella kienet tal-Konverżjoni ta' San Pawl, jigifieri l-festa kienet issir nhar il-ħamsa u għoxrin ta' Jannar, li dari, sa żmien l-assedju ta' l-1940- 1943, kienet għadha ta' l-obolgu, semma li kienet żgħira.

Issa, fl-1445, meta kienet għamlet it-testment bintu Damma Raspullo, ħalliet biex l-għalqa jgħidulha ta' Xriħa, fi-inħawi ta' l-Għambuni, ta' Ta' Dbiegi, fejn kien hemm il-knisja ta' San Niklaw, flimkien ma' wieħed mill-ħbula li kien ħallielha missierha, iż-Żebbuġ, dak li kien imiss ma' tal-Lhudi, Muxi Amurati, biex jinbiegħu ħalli lill-kappella iżidulha żewġ ħnejjiet oħra min-naħa tat-tramuntana.

Dan ifisser li kellhom iħottu l-ħajt ta' wara, għax il-kappella kellha l-bieb iħares lejn in-Nofsinhar, jiġifieri tagħti għall-misraħ ta' quddiem Santu Wistin, floku jtellgħu ħnejja u oħra wrajha, biex jiżdiedu żewġ ħariet xorok.

Tgħid dan sar? Minn naħa nafu li l-kappella kienet għadha żgħira, imma mbagħad nafu li fl-1565, issemma, li ż-Żebbuġ, ir-rettur kien fadallu ħabel wieħed jgħidulu l-Ħabel ta' Mastru Nuzzu, mit-tnejn li kien ħallielu l-fundatur. Għallhekk l-ieħor aktarx li kien inbiegħ kif kienet ħalliet Damma.

Ġewwa l-kappella kellha artal b'kona tal-Konverzjoni ta' San Pawl urajh. Fl-1545, jissemma li l-artal kien armat bi tvalja u terħa, b'żewg gandlieri ta' l-injam fuqu biex jixegħluhom waqt il-quddies. Kellu wkoll lampier li Damma Raspullo kienet ħalliet biex żewġha jixgħelu kull nhar ta' Sibt fil-għaxija.

Imbagħad fl-1543, meta kien sar rettur tal-kappella Dun Lawrenz Apap, għaddewlu kalċi tal-fidda ndurat flimkien ma' l-ilbies tal-quddiesa, biex ikun jista' jqaddes fil-kappella kull nhar t'Erbgħa. Barra dan, fir-rapport ta' Duzzina, insibu li Alvaru Cassar qal, li barra dawn kellha wkoll patena tal-fidda. La Nuzzu kien ħalla quddiesa kull ħmistax, dan ifisser li l-oħrajn kienet ħalliethom bintu Damma fuq l-għalqa ta' Dbieġi, li ħallitilha.

Billi fl-1586, meta flok Dun Lawrenz Apap, kien laħaq il-kjerku Pietru Manweli, dawn għaddewhom lilu, dan jista' jfisser li ma kenux insterqu fi-istragi ta l-1551. Tgħid dawk il-friegħen ta' Torok u kursala ta' Dragutt ma kenux daħlu fiz-zuntier? Il-festa kienet issir b'għasar kantat lejlitha u b'quddiesa f'nharha. Ara taħsbu li l-għasar kien isir biż-żanqir ta' l-orgni u bil-kant ta' kor u s-solisti bħal-lum. Il-qassis kien joqgħod bil-wieqfa quddiem l-artal ikanti l-fizzju mill-aħjar li jista' u barra bid-daqq.

Naħseb li l-kappella bdiet sejra lura meta, fl-1595, ir-retturat beda jgħaddi f'idejn il-qassisin tal-familja Pontremoli, li kienu aktarx mixħutin Malta. L-ewwel li kien ħadu kien Dun Anton, u wara, fl-1600, ħuh Dun Ang, li kien kappillan Malta. Dan, fl-1615, kellu lil ħuh Dun Pinu, li suppost kien qed jagħmel l-obbligi ta' l-armaġġ floku.

Għalhekk, fl-1621, kellu jieħu ħsieb jarma l-artal li nstab għeri, u jagħmel grada lill-bieb ħalli jinżamm maqful. Sa dik is-sena, erba' kappelli oħra biss, mill-ħmistax li kien hemm darba, kien għad baqa' m'humiex magħluqa.

Ma nistagħġbux għalhekk jekk, fl-1635, il-kappella kienet nstabet nieqsa minn kollox, u lir-rettur, li kien il-kjerku Wiġi Colonia, issekewstrawlu l-qbiela li kien idaħħal mir-raba' jgħidulu ta' San Pawl. Lill-viżitatur qalulu li s-sena ta' qabel San Pawl kien baqa' bla festa. Dan ifisser li l-kappella kienet qabdet sew it-triq tan-niżla. Waslet is-sena 1644 u did-darba, meta l-benefizzju kien f'idejn Fra Nikol Pontremoli, nerġgħu nisimgħu li San Pawl kien għadda bla festa. Alla biss jaf kemm kien ilu hekk. Ir-retturi kienu bdew isibuhom komdi qatigħ iqaddsu darba fil-ġimgħa l-matriċi ta' Santa Marija.

## Ċ. Ir-raba' li kellha l-kappella.

Meta l-imgħallem Nuzzu di lo Piscopo kien għamel it-testment tiegħu fl-1435, lill-kappella li kien bena fiz-zuntier tal-matriċi kien ħallielha żewgt iħbula raba' fl-inħawi taż-Żebbuġ. Billi r-riħ tal-Punent ta' dawn iż-żewġt iħbula kien il-wied, wieħed jaħseb li setgħu kienu jew fuq il-Wied tal-Qlejgħa, in-naħa tal-muntanja ta' Kuljat jew tad-Dabrani jew fuq ix-xaqliba l-oħra taż-Żebbug, fuq ir-riħ ta' Wied il-Għasri. Wara li ħabel minnhom kien inbiegħ biex titkabbar il-kappella skont ma kienet ħalliet bintu Damma fl-1445, il-ħabel li kien fadal bdew jgħidulu l-Ħabel ta' Mastru Nuzzu.

Nofs il-qbiela mill-ħbula li kien ħallielha Nuzzu kellha tmur għar-rettur biex iqaddes fiha għal ruħu u għal ruħ niesu darbtejn fix-xahar. In-nofs l-ieħor kellu jmur għall-bżonnijiet tal-Kappella.

Meta mbagħad kienet għamlet it-testment bintu Damma Raspullo, lill-kappella ta' San Pawl taz-Zuntier ħallitilha għalqa mħawla dwieli u siġar, fi-inħawi ta' Ta' Dbiegi, biex tissewwa l-kappella, isir il-quddies fiha, li kellu jagħmel żewgha tul ħajtu, u mbagħad lil min iħalli hu, kif ukoll jinxtegħel il-lampier nhar ta' Sibt.

Billi jissemma li r-riħ tal-Lvant ta' dan il-ħabel kienet triq dejqa li kienet qisha gandott ta' l-ilma tax-xita u fi-istess ħin triq imnejn kienet tgħaddi n-nies, din ma setgħetx kienet ħlief l-aħħar biċċa tat-triq ta' San Niklaw, qabel taqbad it-triq ta' l-Għarb. Din tant jgħaddi ilma minnha li jinżel mill-intrajjet ta' l-isnied ta' Dbiegi, li jagħmel kull ħofra fiha tidfen ħmar. Gandott wiesa' minn din it-triq jgħaddi minn taħt it-triq ta' l-Għarb u jaqbad ma' Wied is-Seqer, li jibda sewwasaw minn hemm, imma dari seta' kien ħaġa waħda mat-Triq ta' San Niklaw.

L-għalqa li ħallitilha Damma kien fiha żewġt iħbula u kienu jsibuha l-għalqa ta' San Pawl. Kien fiha sebat itmien, daqs tnejn u erbgħin qatgħa għall-bini.

## D. Iż-Żerda.

Żerda hi l-ikla li kull min kien imur għal festa, kien jista' jieħu minnha għalkemm xi drabi kienu jieħdu l-foqra biss. L-iktar li kien jitqassam kien il-ħobż. Biss ġie li mal-ħobż kien jitqassam ukoll l-inbid. Barra dawn, ġie li kien jitqassam il-lewż, il-lewż tal-Milied u saħansitra l-qubbajt, kollox fi żmienu.

Malta niltaqgħu ma' żerdiet mhux tas-soltu. Ngħidu aħna Ħal Luqa kien hemm knisja li fiha nhar il-festa kienu jqassmu l-ftajjar u Ħal Qormi kien hemm oħra, fejn lin-nies li kienu jżuruha, kienu jagħtuhom qrejqċa, biċċa ħanzir mixwi. Għalhekk waħda kienu jsibuha Santa Marija tal-Ftajjar u l-oħra Santa Marija tal-Qrejqċa.

Il-bidu ta' kollox kienet il-quċċija, mhux tal-lum, imma tisjira ta' qamħ mgħolli mħawwar bl-għasel, lewż u ċejċiet oħra. Il-quċċija, ngħidu aħna kienet titqassam fil-knisja tal-Lunzjata ta' l-Għalja jew ta' Gemmuna, imperrċa fil-għoli fuq ir-riħ tas-Siġġiewi. Il-quċċija kellha bidu fil-festa ta' Tammuż, l-alla tal-qamħ, billi dak in-nhar in-nisa ma kenux jitħnu l-qamħ biex jaħbżu, imma l-qamħ kienu jgħalluh, b'qima lil Tammuż, li wara li qatluh kienu taħnulu għadmu. Hekk kienu jemmnu n-nisa fuq ix-xmara Ewfrat, is-Sirja, dawra ta' elf sena ilu.

Meta Nuzzu di lo Piscopo għamel it-testment tiegħu fl-1435, kien ħalla r-raba' li kellu fix-xaqliba ta' Ta' Dbiegi li tħares fuq ir-riħ tat-Triq ta' San Niklaw, biex l-ewwel tgawdih martu Żuna, u wara li tmut jgħaddi għal bintu Damma u Anton bin Pawlu di Marino, skont min minnhom kellu jmut l-ewwel, ir-raba' kollu kellu jmur għand Tumew u Anġlu di Teobaldo.

Fost dan ir-raba' kien hemm waħda li kienet tmiss mal-knisja ta' San Niklaw li riedhom iħawluha dwieli. Dment li din l-għalqa kienet tkun bid-dwieli, kellhom iqassmu żewġt iqliel jew ġarar inbid lil min imur għall-festa ta' San Niklaw, li taħbat nhar is-sitta ta' Diċembru. Ġarra jew qolla hi kwart ta' barmil u għalhekk qolltejn fihom nofs barmil jew, kif konna nsibuha, kwarta. Għamel ħażin għalhekk it-traduttur ta' Dun Franġisk Agius, Dun Ġużepp Farrugia, meta qaleb żewġ ġarar, bi-Isqalli *quartara*, żewg kwarti, li jaħbtu barmil sħiħ.

Ma' dan l-inbid kellhom iqassmu ħobż daqs kemm kien joħroġ minn erbat itmien, jiġifieri wejba jew xkora qamħ. Ommi għal tlieta min-nies kienet tagħġen tomna dqiq li kienet isservina ġimgħa. Minn tomna kienu joħorġu tnax-il ħobża kull waħda daqs għarbiel.

Għall-kappella ta' San Pawl, Nuzzu riedha ssir iż-żerda kemm nhar il-Konverżjoni li taħbat fil-25 ta' Jannar, u kemm nhar it-Tifkira tal-Martirju tiegħu li kienet issir l-għada ta' l-Imnarja. Billi din illum spiċċat, digà sibt min qed iħawwadha ma' l-Imnarja. Meta, fl-1575, ir-rettur tal-kappella, Dun Lawrenz Apap, staqsewh x'kienu l-obbligi ta' l-armaġġ, hu qalilhom li kien qed iqassam kolazzjon biss nhar il-festa. Għal min hu xiħ bħali kolazzjon ifisser kisra ħobż b'tadama jew senduqa mżellġa fuqha.

© VICTOR JOHN GALEA
Ir-Rabat t' Għawdex,
fil-5 ta' Novembru, 2007.